**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 4 t'Ottubru 2022

Rikors Numru: 6/2016/2 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv: 1918/1994)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors[1] tal-attriċi tad-29 ta' Settembru 2016 li permezz tiegħu ippremettiet:

*Illi permezz tar-Rikors Guramentat fl-ismijiet fuq premessi, ir-rikorrenti talbet inter alia lil din l-Onorabbli Qorti illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;*

[1] Fol. 2.

*Illi din il-kawza tinsab differita ghal nhar is-16 ta' Novembru 2016 ghall-kontinwazzjoni wara illi l-provi tal-partijiet qed jinstemghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi l-esponenti tixtieq illi t-talba ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet tigi titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju, u dan ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 66F tal-Kodici Civili, u f'dan ir-rigward, jigi rilevat illi l-kriterji kollha rikjesti mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 66B jinsabu sodisfatti, kif gej:-*

*(a) F'dan il-każ, il-partijiet illum ilhom separati de facto ghal iktar minn erba' snin, stante illi l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali fil-5 ta' Mejju 2012, u qatt ma rritorna;*

*(b) Illi ma jezisti l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi llum, iz-zewg partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

*(c) Illi l-esponenti tircievi pendente lite s-somma ta' £230 fix-xahar in linea ta' manteniment ghal binhom, D B, skond kif stabbilit u ffissat permezz ta' Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti stess fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi;*

*Illi ghalhekk, jehtieg illi dina l-Onorabbli Qorti tikkonstata illi effettivament, dawn il-kundizzjonijiet elenkati fid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 66B (a) sa (c) jinsabu debitament sodisfatti sabiex taghti decizjoni dwar it-talba kontenuta f'dan ir-rikors de quo, wara li tisma' lill-partijiet;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tappunta data u hin sabiex tisma' lill-partijiet u tiddetermina illi l-kundizzjonijiet imsemmija fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili huma debitament sodisfatti, u*

2. *Konsegwentament, tordna u tawtorizza, permezz ta' sentenza ad hoc moghtija fil-Qorti bil-miftuh, illi l-ewwel talba limitatament ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tigi konvertita u titqies bhala talba ghall-pronunzjamenttad-divorzju bejn il-partijiet ghal kull fini u effett tal-Ligi, u dan ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 66F tal-Kodici Civili.*

*Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti toghgobha taghti.*

Rat id-digriet tal-Qorti ta' nhar it-30 ta' Settembru 2016, fejn ordnat lill-attriċi sabiex tipprezenta affidavit konċiż dwar il-fatti b'referenza speċifika għall-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll in-notifika tar-rikors, digriet u l-affidavit lil kontro-parti li jkollu għaxart (10) ijiem għar-risposta ġuramentata tiegħu;[2]

Rat l-affidavit tal-attriċi ippreżentat nhar is-6 ta' Ottubru 2016;[3]

Rat illi l-konvenut ġie notifikat bir-rikors ta-attriċi nhar il-5 ta' Ottubru 2016,[4] u ppreżenta r-risposta tiegħu nhar it-13 ta' Ottubru 2016,[5] fejn eċċepixxa:

*Illi r-rikorrent C B jirrespingi t-talbiet ta' A B ghal dawn ir-ragunijiet.*

1. *Illi r-rikorrent jaqbel li l-partijiet ilhom separate de facto ghal aktar minn erba' snin.*

2. *Illi r-rikorrent jaqbel li ma teżisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni.*

3. *Illi r-rikorrent ma jaqbilx li ghandu jibqa' jhallas manteniment ta' €230 u dan in linea ta' manteniment ghal binhom D B stante li D B ilu jahdem ghal bosta xhur mal-kumpanija nazzjonali tal-ajru Air Malta u fil-fatt ma baqax jistudja wara li ghalaq 18-il sena u fil-fatt ma nghaqadx f'xi istituzzjoni edukattiva wara Ottubru 2016 u ghadu fl-impjieg ta' l-Air Malta.*

---

[2] Fol. 4.
[3] Fol. 8.
[4] Fol. 6.
[5] Fol. 11.

4. *Illi di piu' ghad trid issir il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u aktar ghaliex ir-rikorrent ghandu kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti stante li ghalkemm id-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali ta' martu, r-rikorrent wettaq bosta xogholijiet fiha li hallas ghalihom personalment kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif kien ser isir quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-kawza tas-separazzjoni.*

5. *Illi kontestwalment ma' din ir-risposta r-rikorrent C B qieghed jintavola rikors generali ghar-revizjoni tal-manteniment li huwa jhallas ghal binhom D B ghar-ragunijiet suesposti.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent C B umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba ta' A B ghar-ragunijiet precitati, salvkull provediment iehor li jidrilha xieraq tordna din l-Onorabbli Qorti.*

Rat illi din il-kawża mxiet flimkien mal-kawża bir-rikors enumerat 6/2016 AL, li titratta l-proċeduri għal separazzjoni personali bejn il-partijiet, fejn il-konnessjoni tal-kawżi ġiet applikata mill-Qorti stess abbazi tas-subinċiz 3 tal-artikolu tal-liġi hawn imsemmi;

Rat il-verbal tat-3 ta' Ottubru 2017, fejn ir-rikorrenti rrilevat illi "*l-oggezzjoni tal-intimat ghall-ghoti ta' divorzju hija issa sorvolata u dana peress illi t-tifel li ghalih kien qieghed jithallas il-manteniment ghandu impjieg full time*";[6]

Rat l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-kawża bir-rikors enumerat 6/2016 AL;

Rat illi ż-żewġ kawżi tħallew għad-deċiżjoni għal-lum.[7]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti kkunsidrat illi fil-mori tal-proċeduri ta' separazzjoni, nhar id-29 ta' Settembru 2016, l-attriċi ppreżentat rikors fejn talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti

[6] Fol. 18.
[7] Fol. 36.

sabiex b'hekk il-kawża ta' separazzjoni tiġi konvertita f'kawża ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili.

Wara li ġie ppreżentat dan ir-rikors, permezz ta' digriet datat 30 ta' Settembru 2016, il-Qorti ordnat lill-attriċi sabiex: (i) tippreżenta affidavit konċiż dwar il-fatti b'referenza speċifika għall-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, u (ii) tinnotifika lill-intimat bir-rikors, bid-digriet u l-affidavit, li jkollu għaxart (10) ijiem żmien għar-risposta tiegħu. Wara li saret in-notifika lill-konvenut ai termini tal-liġi, il-konvenut ippreżenta r-risposta tiegħu fejn għalkemm ikkonferma li l-partijiet kienu ilhom isseparati *de facto* u ma kienx hemm prospett ta rikonċiljazzjoni bejniethom, huwa oġġezzjona għat-talba tal-attriċi minħabba li ma kiex hemm qbil dwar il-manteniment għal ibnu D B, hekk kif skontu dan il-manteniment ma kellux jibqa' jitħallas stante li l-istess iben huwa maġġorenni u beda jaħdem fuq bażi *full-time*.

**Ikkunsidrat:**

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta' lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, permezz ta' rikors titlob illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Il-proċedura kif kontemplata f'subinċiz 1 tal-imsemmi artikolu tal-liġi, bħala norma, jirrikjedi lill-Qorti tisma' liż-żewġ partijiet b'mod speċifiku fir-rigward tal-kundizzjonijiet elenkati f'Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili u sussegwentament tippronunzja ruħha rigward tali talba permezz ta' sentenza qabel ma tingħata s-sentenza finali. Fil-kawża odjerna, jidher illi l-proċedura li ġiet segwita hi dik ikkontemplata f'Artikolu 66F subinċiz 3 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula:

***"(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet".***

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti għaddiet sabiex ai termini tal-Artikolu 66F subinċiz 2 tal-Kodiċi Ċivili ħadet konjizzjoni tal-atti kollha tal-kawża ta' separazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk it-talba għal-konverżjoni minn separazzjoni għal divorzju, għandhiex tiġi milqugħa tenut kont tal-kondizzjonijiet elenkati f'Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

Il-Qorti tara opportun illi tissottolineja illi Artikolu 66B ġie emendat l-aħħar permezz tal-Att XXV tal-2021, iżda ġialadarba t-talba odjerna saret proprju fl-2016, il-liġi applikabbli għal każ odjern għandha tkun dik ta' qabel tali emendi. Għalhekk, biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

***"(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57".***

Mill-eżami tal-provi jirriżulta li l-partijiet ilhom ma jgħixux flimkien sa mill-5 ta' Mejju 2012 u għaldaqstant ma hemmx dubju li l-ewwel kundizzjoni hija sodisfatta. Il-Qorti tirileva illi in vista tal-fatt li fil-preżent il-partijiet għandhom relazzjonijiet oħra, juri biċ-ċar li ma hemm l-ebda tama għal rikonċiljazzjoni bejniethom u għaldaqstant it-tieni kundizzjoni hi ukoll sodisfatta. Fl-aħħar nett u fir-rigward tal-manteniment, mill-eżami tal-provi jidher li l-intimat huwa ħati għat-tifrik taż-żwieġ, iżda l-attriċi fl-ebda waqt ma resqet talba sabiex tingħata manteniment minngħand żewġha, anzi pjuttost jirriżulta li hija kapaċi taħdem u tinsab ingaġġjata fuq bażi *full-time* fejn qiegħda tipperċepixxi l-introjtu tagħha. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-manteniment għal ulied il-partijiet, mill-atti jirriżulta li ż-żewġ subien huma maġġorenni, u l-manteniment li l-intimat kien

qiegħed iħallas għal D B matul il-proċeduri odjerni ġew mwaqqfa permezz ta' digriet *pendente lite* datat 26 ta' Ottubru 2016 u *di piu'* kienet l-attriċi stess li fil-verbal tat-3 ta' Ottubru 2017 ikkonfermat li l-istess D B qiegħed jaħdem fuq bażi *full-time*.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, ġja ċitat, għall-ksib tad-divorzju u dan stante illi, oltre li l-partijiet ilhom *de facto* separati għal kważi għaxar (10) snin, ma jeżisti l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni tagħhom u barra minn hekk il-Qorti ma tarax li hemm kwistjonijiet bejn il-partijiet fir-rigward ta' manteniment tagħhom jew ta' uliedhom hekk kif ġie spjegat iktar 'il fuq.

**DEĊIDE:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-rikors fuq imsemmi billi tilqa' t-talba u tordna li t-talba rigward is-sepearazzjoni personali tal-partijiet fil-kawża bl-ismijijiet premessi li għandha n-numru 6/2016 AL, għandha titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.